# Il-Knisja ta' Santa Marija taż-Żellieq

Il-Knisja ta' Santa Marija taż-Żellieqa

Din il-knisja tinsab fit-triq li tieħu lejn il-Madliena u Wied id-Dis fuq in-naħa t'isfel tar-raħal pittoresk tal-Għargħur. Qabel il-knisja preżenti li kien hemm oħra ftit iżgħar li ġiet mibnija fuq il-post li skond tradizzjoni antika l-Madonna kienet dehret lil waħda tfajla kampanjola u b'miraklu fejqitha minn marda qalila li kellha u bħala att ta' ringrazzjament il-familja tagħha bniet dik id-daqsxejn ta' knisja għall-qima tad-devoti tal-Madonna.

Mal-mixja taż-żmien id-devozzjoni lejn il-Madonna tant kibret li nħass il-bżonn li tiġi mibnija knisja akbar minflok dik li kien hemm għalhekk ġie msejjaħ il-Perit Tumas Dingli biex iħażżeż pjanta tal-knisja li naraw illum li tikkonsisti f'għamla rettangolari b'saqaf nofs tond imserraħ fuq arkati bejniet ix-xorok. Għandha prospettiva dekorata bi skultura Barokka u kolonna kull naħa tal-kwadru mal-ġenb ta' l-artal.

Il-knisja għandha fin-nofs tal-faċċata bieb imdaqqas bi gwarniċa fuqu, filwaqt li fil-għoli hemm tieqa tonda għad-dawl. Fil-ġnub tal-knisja hemm bieb fuq kull naħa, bieb għal ġos-sagristija u niċċa tal-Madonna quddiemu.

Fil-ġnub tal-faċċata nfetħu żewġt itwieqi fl-1777 għal dawk li ma jsibux il-knisja miftuħa u jkunu jistgħu jinvistaw minn ġo dawn it-twieqi.

Din il-knisja hija merfugħa ftit mill-art b'tarağ quddiemha u zuntier madwarha, jingħad li minflok it-tarağ kien hemm rampa tiżloq u x'aktarx li jgħidulha taż-żellieqa minħabba f'hekk.

Il-kwadru titulari juri t-tlugħ fis-sema tal-Madonna bl-anġli madwarha filwaqt li fin-naħa t'isfel tal-kwadru hemm l-appostli jħarsu ġol-qabar u madwar. Dan il-kwadru pittru l-pittur Rokku Buhagiar fis-seklu 17.

Mal-ġnub tal-knisja hemm erba' kwadri mdaqqsin tlieta kienu fil-knisja parrokkjali li juru: Il-Lunzjata, Il-Madonna tal-Karmnu b'San Mikiel u San Xmun Stokk u l-ieħor hemm il-Madonna bil-Bambin, San Sebastjan u Santu Rokku. Il-kwardu l-ieħor ġie mpitter minn Ervin Cremona u juri lill-Madonna bil-Bambin tidher lit-tfajla kampanjola bil-knisja fil-bogħod.

Din il-knisja għandha artal, paviment u zukklatura ta' l-irħam. Sar artal mejda tal-parana, ambone u xi bankijiet anke kunfessjunarju, kollox tal-parana li nħadmu minn Kostantino u Joe Magri mill-Għargħur.

Fin-niċċa ma' ġenb l-artal hemm statwa mdaqqsa tal-Madonna tar-Rużarju maħduma fil-kartapesta minn Xandru Farrugia li kienet fil-knisja parrokkjali tintuża għall-festa u l-purċissjoni tar-rużarju kull sena.

Dan is-Santwarju minn dejjem kien għażiż u devot ħafna. Kien bit-tħabrik ta' Dun Karm Vella li dejjem ħabrek biex ħeġġeġ id-devozzjoni lejn din il-knisja u żejjinha b'ħafna opri sbieħ.

Fl-1935 inbena l-kampnar mal-ġenb tal-knisja li titla' għalih b'garigor għal fuq il-bejt tal-knisja. Fil-kampnar insibu qanpiena żgħira li tintuża għall-quddies u funzjonijiet oħra.

F'niċċa taħt il-frontuspizju hemm statwa tal-ġebel ta' Santa Marija li ħadimha Wenzu Sammut mir-raħal.

Fl-1950 saru żewġ skrizzjonijiet ta' l-irħam dwar id-dehra tal-Madonna lit-tfajla, waħda bil-Latin u l-oħra bil-Malti.

Fl-1955 sajjetta qawwija ħabtet mal-kampnar u ġarbitlu xi ħsara mal-piramida tiegħu u għamlet xi ħsara oħra fil-knisja minn ġewwa. Il-kampnar saritlu t-tiswija meħtieġa kif ukoll issewwiet il-ħsara l-oħra kollha. Illum fuq is-sagristija nbniet kamra mdaqqsa fejn jintrefgħu l-affarijiet meħtieġa għall-knisja.

Bla dubju dan is-santwarju għażiż igawdi devozzjoni kbira sew min-nies tal-Għargħur u sew minn diversi barranin li jiġu jinvistaw lil Santa Marija u jitolbuha l-grazzji li jkollhom bżonn għax fil-mard u t-tribulazzjonijiet tal-ħajja dejjem insibu l-għajnuna tal-Madonna li bl-interċessjoni qawwija tagħha quddiem il-Mulej taqlgħalna l-grazzi li jkollna bżonn.

Madwar tmien snin ilu xi vandali sgassaw il-bieb tas-sagristija, daħlu, fetħu t-Tabernaklu, ħadu l-pissidi tal-fidda u rmew l-ostji kkonsagrati fuq it-tarağ tal-knisja. Sar rapport lill-awtoritajiet sew ċivili u ekleżjastiċi dwar dan l-att sagrilegu u wara saret proċessjoni bl-Ewkaristija mill-knisja parrokkjali bħala tpattija għal dan is-sagrileġġ fejn ħadu sehem il-kleru u l-poplu tar-raħal.

Ta' kull sena ssir il-festa ta' Santa Marija u tibda bil-kwindiċina fejn ikun hemm rużarju u quddiesa bil-priedka u barka sagramentali kuljum u nhar il-festa ssir quddiesa bil-paniġierku fiha.

Il-knisja tkun imżejjna mill-aħjar għall-okkażżjoni u l-faċċata tiġi mżejjna bid-dawl elettriku wkoll.

Din il-knisja tkun miftuħa kull nhar ta' Sibt il-ġurnata kollha għal kull min ikun irid jinvista lill-Madonna f'dan is-Santwarju u kull l-ewwel Sibt tax-xahar ikun hemm quddiesa fis-7.30 ta' filgħodu li għaliha jattendu ħafna nies devoti tal-Madonna u fl-istess ġurnata filgħaxija ssir il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna. Isiru wkoll xi ċelebrazzjonijiet bħal tiġijiet, irtiri u quddies ta' ringrazzjament minn diversi nies matul is-sena f'dan is-Santwarju għażiż.

**Lino Wettinger**